# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2016**

**Kawża Nru 60**

**Rik. Nru. 1060/07JRM**

Maria **MUSCAT**, Salvu Muscat, Joseph Muscat u Carmen Muscat

vs

Michael **ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti (i) issib li l-imħarrek ma kellu l-ebda jedd jaqbad u jikkomunika katusa minn ġo ħwejġu għal ġo ġid tagħhom biex iferra' fiha ilma li jaqa' fuq ħwejġu; (ii) issib li l-imsemmija katusa tinsab fil-ġid tagħhom; (iii) tordna lill-imħarrek biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tagħtih, jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex ineħħi l-katusa u l-komunikazzjonijiet imsemmija minn ġo ġidhom li huwa art privata magħrufa bħala ta' "*Ħal Dragu*" li tinsab fi sqaq privat li

jagħti għal fuq Triq il-Bidnija, San Pawl il-Baħar; u (iv) tawtorizżahom sabiex, f'każ li l-imħarrek jonqos li jagħmel dak lilu ordnat fiż-żmien mogħti, jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż għall-imħarrek. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2007, li bih ordnat in-notifika tal-atti tar-Rikors lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' April, 2008[1], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-24 ta' Marzu, 2008, ordnat li n-notifika tal-atti lill-imħarrek issir bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni maħsubin fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-riferti relattivi għall-affissjoni[2], il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern[3], u bl-avviż f'ġurnal lokali[4];

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq Tweġiba fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2008[5], li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2008[6], li bih ordnat in-notifika lill-atturi ta' rikors imressaq mill-imħarrek f'Ġunju tal-2008 u li bih talab li jitħalla jressaq Tweġiba Maħlufa u li jikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-atturi fl-24 ta' Diċembru, 2008, li bih oġġezzjonaw għat-talba tal-imħarrek li jitħalla jneħħi l-kontumaċja tiegħu;

Rat il-provvediment mogħti minnha fit-3 ta' Frar, 2009[7], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet talba tal-imħarrek biex jitħalla jikkontesta l-kawża u sabet li waqa' kontumaċi għal raġuni mhux ġustifikata;

Semgħet ix-xhieda tal-atturi u tax-xiehda mressqa minnhom, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

---

[1] Paġ. 10 tal-proċess
[2] Paġ. 12 *tergo* tal-proċess
[3] Paġ. 13 tal-proċess
[4] Paġ. 16 tal-proċess
[5] Paġ. 28 tal-proċess
[6] Paġ. 30 tal-proċess
[7] Paġġ. 36 sa 42 tal-proċess

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukat tal-atturi (reġistrata u traskritta)[8];

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2009[9], li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq Nota bis-sottomissjonijiet tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 158(11) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-15 ta' Lulju, 2009[10], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmula mill-avukat tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni negatorja. L-atturi ma jridux li katusa li huma jgħidu li niżżel l-imħarrek minn ġo ħwejġu, tibqa' titħalla tferra' l-ilma għal ġo ħwejjiġhom li jinsab f'livell aktar baxx. L-atturi jridu li l-imsemmija katusa titneħħa u li l-imħarrek ma jħalli l-ebda ilma li jaqa' fi ħwejġu jitferra' ġo ħwejjiġhom;

Illi l-imħarrek baqa' kontumaċi, imma fin-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa minnu qal li l-ġid li minnu ħierġa l-katusa li minnha jilmintaw l-atturi mhuwiex tiegħu imma ta' kumpannija li jisimha Margal Limited;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-atturi għandhom f'idejhom art magħrufa bħala ta' "*Ħal Dragu*" li wieħed jasal għaliha minn mogħdija privata li tagħti għal fuq Triq il-Bidnija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar u d-dħul għaliha hu minn xatba tal-ħadid[11];

Illi l-art tmiss ma' ġid fejn hemm mibnija dar bl-isem ta' "*Chateau Bidnija*" li wkoll tagħti fuq l-imsemmija triq. L-imħarrek jgħix fl-imsemmija dar ma' familtu;

Illi, fil-parti fejn imissu ma' xulxin, l-art li tinsab f'idejn l-atturi hija f'livell aktar baxx mid-dar fejn jgħix l-imħarrek. Sewwasew fil-kantuniera tal-art li tinsab f'idejn l-atturi u man-naħa tad-dar fejn jgħix l-imħarrek, tniżżlet

8 Paġġ. 69 – 70 tal-proċess
9 Paġ. 71 tal-proċess
10 Paġġ. 72 – 4 tal-proċess
11 Dok "MM2", f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess

katusa wiesgħa li tferra' l-ilma għal fuq l-art imsemmija[12]. L-attriċi tgħid li l-katusa taħseb li kienet ilha erbgħa u għoxrin (24) sena li tniżżlet fejn tinsab illum[13];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża f'Ottubru tal-2007;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, fl-ewwel lok din il-Qorti trid tikkunsidra l-konsegwenzi tal-istat kontumaċjali tal-imħarrek. L-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi:- "*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi*";

Illi fl-ordinament ġuridiku tagħna, il-kontumaċja tal-parti mħarrka ma tfissirx li l-atturi m'għandhomx jippruvaw il-każ tagħhom fil-grad u l-qies li titlob minnhom il-liġi. Kif ingħad bosta drabi, "*Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni*"[14] u "*skond kif dejjem ġie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*"[15];

Illi kif bosta drabi rimarkat, il-kontumaċja waħidha ma kellhiex titqies bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-parti mħarrka, iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u li jkun ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex mistħoqqa indipendentement mill-kontumaċja tal-imħarrek[16];

Illi bis-saħħa tal-Att XXIV tal-1995 fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibilita` ta' preżentata ta' nota ta' osservazzjonijiet, bla ma jibdilha f'Nota ta' Eċċezzjonijiet, biex hekk kif jgħid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-parti mħarrka li tkun waqgħet kontumaċi tiddefendi ruħha kontra t-talba tal-parti attriċi; u dan fuq il-prinċipju li l-kontumaċja mhijiex ammissjoni

[12] Ara Dok "MM1", f'paġ. 47 tal-proċess
[13] Xhieda tagħha f'paġ. 56 tal-proċess
[14] App. Ċiv. **27.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Saliba vs Salvu Borg*** (mhix pubblikata)
[15] P.A. FDP **30.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ruth Apap vs Noel Apap*** (mhix pubblikata)
[16] App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs Paul Stoner et***

jew sempliċi *walk-over* iżda hija kontestazzjoni u allura xorta waħda l-attur jibqagħlu l-piż li jressaq provi sodisfaċenti biex isejjes it-talba tiegħu. Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunita` li josservaw li l-imħarrek ma jistax, fi stat ta` kontumaċja, jinqeda b`nota ta` sottomissjonijiet sabiex iressaq il-provi ta` kwalunkwe natura, u li l-Qrati jaċċettaw biss u eklussivament sottomissjonijiet dwar provi akkwiziti u li jkunu jinsabu fl-atti tal-kawża sa dak il-waqt li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu[17]. Hekk ingħad li "*d-dispost relattiv tal-liġi ma jistax, u ma għandux, jiġi interpretat bħala xi dritt konċess biex wieħed jesorbita mill-parametri tal-provi akkwiżiti fil-proċess billi jressaq u jiddiskuti fatti li fl-istess proċess ma jinstabux. Tali liċenzja tkun tfisser illi l-kontumaċi jarroga għalih id-dritt li marte proprju jiġġustifika huwa stess, u mingħajr il-ministeru tal-Qorti, l-istat kontumaċjali tiegħu u jressaq dawk il-provi li jidhirlu hu mingħajr ma l-fatti jiġu approvati, jew kuntrastati, skond is-soliti rekwiżiti proċedurali*"[18];

Illi fuq kollox, din il-fakulta` li tagħti l-liġi mhix waħda mingħajr sustanza għaliex, għalkemm tista' tidher kontradittorja, l-imħarrek jista' jiddefendi lilu nnifsu mingħajr ma jqanqal eċċezzjonijiet. Filwaqt li kull eċċezzjoni hija difiża, mhux kull difiża hija eċċezzjoni. Dan hu hekk il-każ billi fil-proċess ċivili, l-atteġġjament difensiv jista' jieħu żewġ forom b'mod li wieħed jista' jiddistingwi bejn id-difiża sempliċi u l-eċċezzjoni. Id-difiża sempliċi, jew l-eċċezzjoni fis-sens wiesa' tal-kelma, tikkonsisti fi kwalunkwe ċaħda li l-imħarrek jagħmel tad-dritt dedott mill-attur, indipendentement mill-bażi ta' tali ċaħda. Hekk, per eżempju, fil-konfront ta' talba għall-ħlas ta' kreditu, hija difiża sempliċi dik tal-imħarrek li jwieġeb li ma għandu jagħti xejn, mingħajr ma jispeċifika taħt liema titlu jkun qiegħed jipproponi l-kontestazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, jkun hemm eċċezzjoni fil-veru sens tal-kelma meta l-imħarrek jikkuntrasta l-pretenzjoni tal-attur permezz ta' allegazzjoni ta' fatt ġdid. Fl-eżempju miġjub qabel, tkun eċċezzjoni vera u proprja meta l-imħarrek jallega li diġa` ħallas, jew li l-kreditu huwa preskritt, jew li kien hemm novazzjoni. Filwaqt li fid-difiża sempliċi l-piż tal-prova jibqa' fuq l-attur, l-eċċezzjoni ġġib qlib tal-provi, peress illi min jeċepixxi l-ineffikaċja jew l-estinzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt ivvantat mill-attur, irid jipprova l-fatti li fuqhom jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu;

Illi ġaladarba l-kontumaċja titqies bħala kontestazzjoni u bħala tħollija fid-dehen u l-ħaqq tal-Qorti, qajla jista' jingħad li l-istess istitut huwa maħsub biex jgħin lil xi parti milli tieħu vantaġġ fuq xi parti oħra fil-kawża: jekk xejn, f'bosta każijiet, l-istat ta' kontumaċja ta' xi waħda mill-partijiet

[17] P.A. JZM **14.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Keith John Abela Fitzpatrick vs Salvatore Cutajar et*** (mhix appellata)
[18] P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Moby Rentals Limited vs Marthese Attard***

imħarrkin aktar jitfa' piż fuq il-Qorti biex tgħarbel sewwa u b'reqqa dak li l-parti attriċi tkun ressqet quddiemha;

Illi wara li saru dawn l-osservazzjonijiet meħtieġa, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **il-mertu tat-talbiet attriċi**. Ma hemmx dubbju li din tal-atturi hija azzjoni hekk imsejħa *negatoria,* "*quella che il proprietario di un immobile puo` proporre contro chi pretenda esercitarvi un diritto di servitu`, al fine di far dichiarare giudizialmente la liberta` del proprio fondo da tale peso*"[19]. Il-ġurista Laurent jgħid, kif del resto hija ħaġa elementari, illi "*l'azione negatoria e` altresi` un'azione reale che il proprietario di un fondo promuove contro colui che vi si attribuisce senza diritto qualche servitu`, e con cui chiede che il suo fondo sia dichiarato libero da questa servitu` e che sia inibito al convenuto di usarne*"[20];

Illi l-għan waħdieni tagħha huwa dak li tikseb dikjarazzjoni li l-ġid tal-parti attriċi mhux suġġett għal servitu` favur ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija mis-sid;

Illi kif wieħed jista' jara, din l-azzjoni hija waħda ta' natura petitorja u tista' titressaq biss minn min huwa sid tal-post[21] u mhux minn kull min jippossjedih, u dan bħala effett dirett tal-fatt li l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali.[22] Għalhekk "*bażi tagħha hija illi l-attur li jesperimentaha għandu juri, bħala bażi fundamentali tagħha, illi hu għandu d-dritt tal-proprjeta`… il-Pacifici Mazzoni, Delle Servitu` Prediali Vol III, paġ. 328, no 216, jenfasiżża li 'da parte quindi dell'attore due condizioni debbono verificarsi. Perciocche` e` necessario in primo luogo che egli sia proprietario dell'immobile anzidetto'. Għalhekk fundament tal-azzjoni hija l-proprjeta`, u meta l-konvenut f'din l-azzjoni jattakka dak l-ewwel element tal-proprjeta`, ċertament l-attur għandu jipprova li huwa proprjetarju tal-post*"[23]. L-għaref ġurekonsult Zachariae[24] jafferma saħansitra li "*l'azione negatoria e` una quasi-rivendicazione della liberta` naturale del fondo*";

Illi b'żieda ma' dan, ingħad ukoll li "*l-azzjoni petitorja tippresupponi titolu ta' proprjeta`… L-azzjoni diretta għar-rivendikazzjoni tal-liberta` tal-fond*

---

[19] Francesco Saverio Bianchi Corso di Codice Civile Italiano, Dei Beni, Della Proprieta` e della Comunione (Torino, 1898) Vol IX parte II[a], f'paġna. 289
[20] Laurent Diritto Civile Vol VIII
[21] App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon et vs Degiorgio*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.485**)
[22] P.A. **3.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Grima et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1219**)
[23] App. Ċiv. **5.7.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Mercieca vs Emmanuele Sant*** (mhix pubblikata)
[24] Zachariae, t. I, §§ 219, nru. 2

*minn servitu` hija dik imsejħa negatorja (Vol XXIX.ii.590). Azzjoni eminentement petitorja*"[25];

Illi bħala prinċipju ġenerali, kull min iġib 'il quddiem azzjoni għall-ġudizzju irid jipprova il-fatti ġuridiċi individwali li jiffurmaw is-sisien tat-talba tiegħu, iġifieri dawk li tagħhom l-azzjoni mressqa tippresupponi l-eżistenza. Għall-kuntrarju l-imħarrek, huwa u jiddefendi ruħu mill-azzjoni jillimita ruħu biex jiċħad il-fatti ġuridiċi li fuqhom hija msejsa, m'għandux, ġeneralment, l-obbligu li jġib prova biex isostni ċ-ċaħda tiegħu; u jekk l-attur ma jirnexxilux b'mod sħiħ u tajjeb biżżejjed iġib il-provi li jkunu fuq spallejh, il-Qorti jkollha bilfors tiċħad it-talba abbażi tal-aforiżmi antikissimi *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*[26] u l-oħrajn daqstant siewja *per rerum naturam factum negantis nulla probatio est*[27] u *actore non probante, absolvitur reus*[28];

Illi l-element 'rivendikativ' fl-azzjoni negatorja jippresupponi l-eżistenza tad-dritt tal-proprjeta' tal-attur, u tal-pussess tal-ħaġa rivendikata mill-imħarrek – fil-każ tal-azzjoni negatorja l-pussess tal-allegata servitu`. Dawn l-elementi jaqgħu fuq il-parti attriċi li trid tippruvahom jekk ikunu ikkontestati. "*L'attore in rivendicazione per poter conseguire l'oggetto della sua domanda, e` obbligato a giustificarne il fondamento colla produzione di qualche titolo di proprieta` del fondo… che egli rivendica. Si dicono titoli di proprieta` tutti quelli che sono di tal natura da far passare da una persona ad un'altra la proprieta` d'una cosa, causae idonae ad transferendum dominium*"[29];

Illi mbagħad, hekk kif l-attur iseħħlu jipprova l-jedd tiegħu ta' proprjeta`, u l-fatt li jxekklu milli jgawdiha, huwa ma għandu jipprova xejn iżjed. Huwa karattru distintiv ta' din l-azzjoni li l-proprjetarju, għalkemm huwa attur, mhux obbligat iressaq prova li l-fond tiegħu huwa ħieles minn kull xkiel[30] u dan billi l-liberta` bħal din **hija preżunta**, "*in virtu` cioe` della esclusivita` che costituisce normalente uno dei caratteri essenziali del diritto di proprieta`: quilibet fundus praesumitur liber a servitutibus*"[31]. Għalhekk, għalkemm l-azzjoni tissejjaħ *negatoria*, għax permezz tagħha tiċħad l-eżistenza ta' servitu`, b'danakollu l-attur mhux obbligat jipprova li s-servitu` ma teżistix. Jaqa' fuq l-imħarrek li jipprova li s-servitu` teżisti. "*Il proprietario deve provare il suo diritto di proprieta` e l'atto che ha*

---

[25] App Ċiv. **6.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino et vs Grima et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.506**)
[26] L.2, D. *De probationib. et. Praesumpt.*
[27] L. 23, C. *De probationibus*
[28] L. 28, C. *de rei vindicatione*
[29] Pothier, *Traite' de la propriete'*, §323
[30] Zachariae, t. I, §219
[31] Francesco Savierio Bianchi, *op. cit.* f'paġna 291

*turbato il suo godimento. Quando ha dato queste prove non deve fare altro, e cio` per effetto del carattere di esclussivita` che ha il diritto di proprieta`"*[32]. Is-saħħa ta' din l-affermazzjoni dottrinali ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qrati tagħna meta ngħad li "*L'azione intentata e` quella che nel Diritto Romano appellasi negatoria, la quale e` basata sulla presunta liberta` dei fondi, e il cui effetto si e` di* ***esonerare l'attore da qualunque prova, facendo ricadere questa intorno all'acquisto della servitu` sul convenuto****, nonostante che quest'ultimo si trovasse nel quasi possesso della pretesa servitu`. In conseguenza, nel caso sotto esame, e` il convenuto che deve pienamente provare di aver acquistato in modo legittimo il diritto di passaggio che pretende sul fondo dell'attore, onde potere l'azione proposta essere respinta*"[33];

Illi bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ preżenti, il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-imħarrek fejn tattakka n-nuqqas tal-atturi li jġibu l-grad meħtieġ ta' prova tas-sussistenza tal-elementi kostituttivi tal-azzjoni negatorja, igifieri l-prova tat-titlu, u x-xkiel tat-tgawdija ħielsa tal-proprjeta` tal-attur mill-istess imħarrek, għandha titqies bħala difiża u mhux it-tqanqil ta' eċċezzjoni u għaldaqstant hija ammissibbli. Mhux l-istess jista' jingħad lil dik il-parti li tipprova tiġġustifika l-validita` tal-pretiża servitu` mibnija, fost l-oħrajn, fuq il-livell iktar baxx tal-proprjeta` tal-atturi, għax din, kif diġa`spjegat iktar 'il fuq, tmur lil hinn minn dak li huwa obbligat l-attur li jipprova fl-azzjoni negatorja u hija prova li jrid iġib l-imħarrek u li iżda konvenut kontumaċi huwa pprojbit mil-liġi milli jagħmel;

Illi sewwa ssottometta l-imħarrek li l-atturi kellhom jippruvaw li huma s-sidien tal-fond li jallegaw li hu proprjeta` tagħhom u li l-imħarrek huwa s-sid tal-fond li jmiss ma' dak tal-atturi u awtur tal-pretiża servitu`. Fl-atti proċesswali li l-Qorti għandha quddiemha, dawn il-provi huma neqsin għal kollox. L-atturi waqfu billi semmew l-art li tinsab f'idejhom permezz ta' *site-plan* u ritratti[34] u xejn aktar minn dikjarazzjonijiet maħlufa ta' xhieda b'affidavit. B'danakollu għalkemm xehdu l-atturi Maria Muscat, Joseph Muscat u Salvu Muscat, ħadd minnhom ma għamel l-iċken aċċenn dwar x'titlu għandhom fuq din l-art u wisq inqas ġew prodotti dokumenti jew provi oħrajn li jippruvaw it-titlu tagħhom ta' proprjeta` u ħadd minnhom ma ġab prova li l-imħarrek huwa tabilħaqq sid tal-post mnejn tisporġi l-katusa in kwistjoni;

---

[32] Venzi, Diritto Civile Italiano Nru. 322

[33] App. Ċiv. **9.1.1877** fil-kawża fl-ismijiet ***Desain vs Piscopo Manduca***, (Kollez. Vol: **VIII, paġ. 21**). Ara wkoll Fadda, *Giurisprudenza sul Codice Civile*, art 629-630,. § 234

[34] F'paġ. 48 tal-proċess

Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-azzjoni tal-atturi ma tistax tirnexxi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi l-atturi naqsu għal kollox milli jippruvaw li huma sidien l-art hemm imsemmija u għalhekk li jwettqu l-piż ta' prova mitlub mil-liġi għall-għamla ta' azzjoni mibdija minnhom;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** l-oħrajn billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**30 ta' Ġunju, 2016**